# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 30 ta' Settembru 2021**

**Kawza Numru: 4**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 704/17 JVC**

**Charles Seychell (ID numru 586882M)**

**vs**

**Joseph Muscat (ID numru 1064747M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Charles Seychell ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. ‘Illi fid-disa’ (9) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), ghal habta tas-sitta nieqes ghaxra ta’ filghodu (5:50am), fi Vjal l-Indipendenza, il-Mosta, sehh incident awtomobilistiku meta waqt li l-intimat Joseph Muscat kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni JAX 961, habat mal-mutur bin-numru ta’ registrazzjoni DBX 587, proprjeta’ tal-esponent Charles Seychell u misjuqa minnu (Dok. CS1).

2. Illi konsegwenza ta’ dan l-incident, l-esponent korra gravement. Di fatti, presentement, gie certifikat li l-istess Charles Seychell qieghed isofri minn debilita’ permanenti fir-rata ta’ ghoxrin fil-mija (20%) mill-konsulent ortopediku Mr. Alec Sultana (Dok. CS2); dan oltre griehi ohra subiti mill-istess esponent kawza tal-incident in dezamina, liema rata ta’ debilita’ ghada mhux stabbilita sal-lum.

3. Illi ghal dan incident u ghal konsegwenzjali danni subiti mill-esponent Charles Seychell kien jahti unikament l-intimat Joseph Muscat, minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolament, bi ksur tal-Artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi bhala konsegwenza ta’ dan l-incident, l-esponent Charles Seychell garrab *damnum emergens* li kienu jinkludu spejjes u tobba u medicinali, telf ta’ xoghol u telf iehor li ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi l-imsemmi esponent garrab ukoll *lucrum cessans* rizultat tal-incident awtomobilistiku *de quo* kagun tal-fatt li, bhala effett dirett tal-istess incident, sofra debilita’ permanenti riskontrata u accertata hekk kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

6. Illi inoltre, konsegwenza tad-debilita' permanenti minnu sofferta, l-esponent Charles Seychell ser ikompli jinkorri spejjes sostanzjali ta' kura u assistenza ta' natura rikorrenti fil-futur u dan kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

7. Illi minkejja li l-intimat Joseph Muscat kien interpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni subiti mill-esponent permezz ta' ittra ufficcjali datata 24 ta' Settembru 2015 (Dok. CS3) u ittra ufficjali datata 27 ta' Frar 2017 (Dok. CS4), debitament notifikata lill-istess, huwa baqa' inadempjenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza fejn l-esponent Charles Seychell qieghed jitlob li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lill-intimat Joseph Muscat unikament responsabbli ghall-incident fuq deskritt u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrab l-esponent;

2. Tillikwida d-danni kollha tal-esponent konsistenti f'*damnum emergens* , fi spejjez rikorrenti kif ukoll f'*lucrum cessans* naxxenti mid-dizabilita' permanenti riskontrata u accertata, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-intimat Joseph Muscat sabiex ihallas lill-esponent dawk l-ammonti kollha li jigu dikjarati bhala dovuti minnu lill-esponent in linea ta' danni.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra tal-ittra ufficjali datata 24 ta' Settembru 2015, dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Frar 2017, kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali presentata llum kontestwalment ma'

dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-intimat (Untours Insurance Agents Limited bhala agent tas-socjeta' estera Qatar Insurance Company) skond il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali skond il-ligi kontra l-intimat Joseph Muscat li huwa ngunt ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Joseph Muscat li taqra kif isegwi:

1. 'Illi r-responsabbilta' ghall-incident stradali li sehh fid-disgha (9) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) hija respinta u kkontestata stante li ghall-incident stradali ma kienx jahti Joseph Muscat;

2. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes.

3. Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.'.

Rat il-verbal datat 20 ta' Novembru, 2017 ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn gie nominat Mr Frederick Zammit Maempel sabiex jezamina lir-rikorrent u jirrelata dwar l-allegata debilita` permanenti;

Rat ir-rapport tal-espert mediku ortopediku Mr Frederick Zammit Maempel esebit a fol. 132 et seq tal-process;

Rat li fil-verbal tat-22 ta' Ottubru 2018, din il-Qorti diversament preseduta nnominat lil Mr Simon Degabriele sabiex jezamina lir-rikorrent u u jirrelata dwar l-istat ta' sahha tieghu u jekk garrabx debilita' permanenti u f'liema grad;

Rat ir-rapport ta' Ms. Simon De Gabriele a fol. 217 A et seq. tal-process;

Rat ix-xiehda, affidavits, rapport, skizz, ritratti, ittri ufficcjali, prospett ta' danni u d-dokumenti kollha esebiti fl-atti;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2021 liema trattazzjoni giet traskritta u rat li fl-istess verbal iddifferiet il-kawza ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-kawza tikkoncerna incident awtomobilistiku li sehh nhar id-9 ta' Dicembru, 2013 kmieni filghodu ftit qabel is-sitta' ta' filghodu gewwa Vjal l-Indipendenza, il-Mosta fejn filwaqt li r-rikorrent kien qed isur il-mutur bin-numru ta' registrazzjoni DBX 587 sehhet habta mal-vettura JAX 961 li kienet misjuqa mill-intimat. Ir-rikorrent isostni li l-incident sehh b'konsegwenza u tort tal-intimat Joseph Muscat u permezz tal-kawza odjerna qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara r-responsabbilta' tal-incident fuq l-intimat u tillikwida d-danni allegatament sofferti mir-rikorrent li jsostni li sofra dizabilita' permanenti.

Da parti tieghu l-intimat jeccepixxi li l-incident ma sehhx b'tortijiet imputabbli lilu u ghalhekk jitlob li din il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez.

**Fatti:**

Illi fl-incident in kwistjoni jirrizulta mill-atti li kienu involuti tlett persuni, r-rikorrent, l-intimat u terza persuna certu Anthony Gauci li kien qed isuq il-vettura tieghu HBN 307 wara l-intimat Joseph Muscat.

Il-Qorti rat fl-ewwel lok l-iskizz tal-incident li jinsab esebit a fol. 14 tal-process. Mill-atti jirrizulta li a fol. 144 et seq xehed l-ex surgent 455 Emanuel Sammut li kkonferma li kien hu li rrediga l-iskizz. Jispjega wkoll li l-iskala uzata f'dan l-iskizz hija dik ta' metru ghal kull centimetru.

Illi l-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-verzjonijiet tal-persuni nvoluti fl-incident kif isegwi:

a) Ir-rikorrenti **Charles Seychell** fir-rapport shih tal-incident esebit a fol. 155 et seq tal-process jaghti l-verzjoni tieghu a tempo vergine kif isegwi:

'Jiena kont gej fi triqti lejn id-direzzjoni tal-Kapella San Silvstru meta f'sal wiehed qasmitli karozza.'

Jirrizulta izda li din il-verzjoni giet aggornata aktar tard kif isegwi:

'Aggornat min PS 455 E Sammut illu 27/12/2013 – Il-kwerelant xtaq izid jghid li dakinhra ta' l-incident mad-daqqa hu dahal taht il-karozza u x-xufier tal-vettura baqa isuq fuqu u ikaxkru ma l-art.'

Fl-atti r-rikorrent Charles Seychell jixhed permezz ta' affidavit esebit a fol. 89 et seq tal-process u dwar kif sehh l-incident jixhed kif isegwi:

'jiena kont qed insuq fid-direzzjoni tal-Kappella ta' San Silvestru, ghall-affari tieghi, bi speed baxx, u dan fin-nofs tal-karreggjata tieghi. F'hin minnhom, innutajt vettura li kienet wieqfa fil-karreggjata opposta u dan bi dritt it-triq illi taghti ghad-dar tal-anzjani. Jiena ma kontx naf x'kienet l-intenzjoni tieghu anke ghaliex ma kellux indicator mixghul. Meta rajtu wieqaf jiena kont il-boghod minnu tul ta' madwar sitt (6) karozzi l-boghod.

6. Jiena bqajt insuq fid-dritt anke ghaliex hu baqa' wieqaf u ghalhekk assumejt illi kien ser ihallini nghaddi sabiex imbaghad jaqsam il-karreggjata tieghi u jdur lejn il-lemin tieghu Dan nghidu anke ghaliex il-vettura tal-intimat Muscat kienet angolata ftit lejn il-lemin.

7. Hekk kif wasalt tul ta' madwar 15 il-pied jew distanza ta' cirka vettura u nofs il-boghod minnu, rajt il-vettura taqbad u ddur f'daqqa lejha, bil-konsegwenza li ghalaqli t-triq kompletament. Jiena meta rajt hekk, ma tantx kien hemm wisq li stajt naghmel. Dan anke ghaliex, peress li kont qed insuq mutur, ma stajtx, per ezempju, nahsad il-break bhala meta wiehed ikun qieghed isuq karozza ghaliex kont intir minn fuq il-mutur.

8. Id-daqqa bejn iz-zewg vetturi kienet bil-mod segwenti: il-parti ta' quddiem tal-mutur tieghi ma' bejn il-mudguard u l-bieba ta' quddiem tan-naha tax-xellug tal-vettura. Mad-daqqa, il-vettura waqfet filwaqt li l-mutur imbezaq lejn in-naha tal-lemin tieghi u cioe' fid-drezzjoni tal-karreggjata opposta u spicca habat gol vettura li kienet qed tinstaq wara dik ta' Muscat. Ghal dak li

ghandu x'jaqsam mal-persuna tieghi, mad-daqqa, tirt il-quddiem u spiccajt quddiem il-vettur misjuqa minn Muscat jew ahjar quddiem il-bumper ta' quddiem tal-istess vettura.

9. B'xi mod, il-vettura misjuqa minn Muscat spiccat fuqi fejn ir-rota ta' quddiem tan-naha tax-xellug kienet gejja ghal fuq dari; prattikament niftakar li jiena qbadt mal-bumper u hassejt il-vettura titkaxkar biha. Kif gara dan (u cioe' jekk Muscat telaqx il-clutch jew pogga l-vettura on gear) jiena ma nafx ghaliex kont taht il-karozza.

10. Ftit sekondi wara naf illi l-vettura ta' Muscat intfiet. F'dan il-hin, jiena imbuttajt mal-bumper u rnexxieli nohrog il-persuna tieghi minn taht il-karozza. Dak il-hin, anke bil-paniku li qabadni, nista' nghid li ma hassejtx ugiegh izda, kif harist lejn sieqi l-leminija stajt nara l-pala ta' sieqi kienet milwija lejn il-lemin. Jiena bqajt mal-art ghal ftit sekondi wara bdejt inhoss l-ugiegh u ma stajtx niccaqqlaq.

11. Muscat baqa' fil-karozza tieghu u dan sakemm gew il-pulizija . . .'

A fol. 92 fl-istess affidavit ir-rikorrenti jichad l-allegazzjoni tal-intimat fir-rapport kif ukoll fl-atti li hu kien qed isuq bla dawl u dan ghaliex jispjega li d-dawl tal-mutur jixghel awtomatikament mal-'ignition' u cioe' malli jinxteghel il-mutur.

A fol. 95 tal-process ir-rikorrenti prezenta zewg ritratti li juru kif il-vetturi waqfu wara l-incident.

Jirrizulta mill-atti li ma sar l-ebda kontro-ezami lir-rikorrent.

b)  Illi l-intimat **Joseph Muscat** a fol. 158 tal-process fir-rapport tal-pulizija jaghti l-verzjoni tieghu tal-incident kif isegwi:

'Jiena kont ghadni gej minghand l-grocer u hekk kif kont ser nikser ghal go triq id-dawr jien ma rajtux lil tal-mutur gej lanqas kellu dawl ghax kieku kont narah u f'salt wiehed smajt boom.'

Fl-atti l-intimat jixhed a fol. 208 et seq tal-process.  Huwa jixhed li kien sejjer in-naha tas-Subaru u xeghel l-'indicator' biex jidhol ghal go 'side road' fuq in-naha tal-lemin u jispjega kif isegwi:

'Xeghelt l-indicator ghax kelli karozza warajja biex nuriha li ha naqsam, kif qsamt smajt bum, ghidt ara laqghatni ta' warajja, ghalxejn xeghelt l-indicator u nzilt u sibt ragel malart.  Kif sibt ir-ragel malart, cempilt l-ambulanza u l-pulizija.' (fol. 209)

Jghid li kien dak il-hin li nduna li dan ir-ragel kien qed isuq mutur. Jikkonferma ghal diversi drabi fix-xiehda tieghu li l-mutur ma rahx qabel sehh l-incident. Skont hu karozzi fit-triq kellu biss warajh u jsostni:

'B'hekk qsamt jiena ghax ma kien gej hadd.' (fol. 209)

In kontro-ezami jixhed li meta hass id-daqqa huwa kien gia dahal fis-'side road'.  Jixhed ukoll li d-daqqa fil-karozza hassa isfel fin-naha tal-passiggier.  Malli sehh l-incident jghid:

'Waqaft mill-ewwel u hsibtu laqatni ta' warajja, qalli mhux jiena u mort nittawwal u sibt ragel malart.'

Muri r-ritratti ta' kif waqfu l-vetturi wara l-incident u li jinsabu esebit a fol. 95 tal-process jikkonferma l-istess.

c) Fir-rapport tal-pulizija a fol. 157 tal-process jaghti l-verzjoni tieghu it-tielet xufier involut **Anthony Gauci** kif isegwi:

'Jiena kont ghaddej fi Triq Vjal Indipendenza sejjer direzzjoni lejn Birkirara u bdejt ninota li l-karozza ta' quddiem cioe: JAX 961 bdiet serja l'hemm u l'hawn u hekk kif kien ser jikser fuq il-lemin u li kien ukoll bl-indicator, f'salt wiehed smajt boom fejn ma nafx xkien gara izda wara innotajt li kien habat mutur ma din il-karozza. Kif inzilt mil-karozza tieghi innotajt ukoll illi bil-parts tal-mutur il-karozza tieghi garbet xi hsarat zghar fuq quddiem.'

Fl-atti Anthony Gauci xehed ukoll a fol. 47 et seq tal-process fejn ikkonferma l-verzjoni tieghu moghtija lill-pulizija. Dwar kif sehh l-incidenti jixhed kif isegwi:

'jien kont sejjer direzzjoni lejn il-Belt u quddiemi kien hemm karozza Hyundai kulur ahmar. Xeghel l-indicator u dar ghall-Home tal-anzjani. F'hin minnhom smajt hoss u l-mutur ma rajtux jigifieri jiena. Kull ma rajt il-mutur itir, persuna taht il-karozza tal-iehor tal-Hyundai u l-parts tal-mutur ghal xi raguni gew fuq il-karozza tieghi.' (fol 47 ergo)

Mistoqsi x'ried jghid biha li l-vettura tal-intimat JAX 961 il-hamra kienet sejra 'l hemm u 'l hawn jghid:

'Jigifieri filli jsuq 'l hawn beda u filli beda jsuq 'l hemm. Filfatt hemm hemmhekk two lane, jigifieri lanqas abbuzajt naqbzu. Tajtu cans jien ha jsuq. Qatt insuq warajh ma qbistux jigifieri. Bqajt niehu cans sakemm idur ghax ghidt forsi jaghfas fuqi.'

Jispjega li kien ilu jsuq wara l-intimat minn tlett 'side streets' qabel u l-hin kollu rah isuq hekk cioe' l-'hemm u l'hawn. Jghid li meta gara l-incident l-intimat kien ga dar. Jghid li kien qed idur u li kien gie n-naha l-ohra. Isostni li ma rax il-habta ra biss il-mutur fl-art u l-persuna fl-art taht il-karozza tal-iehor wara l-incident.

Mistoqsi jekk il-vettura tal-intimat kelliex l-indicator mixghul jghid li iva.

A fol. 50 mistoqsi jekk mal-incident il-vettura tal-intimat kinitx bdiet diehla fis-side road jghid:

'Kienet qabet diehla fhimt? Fil-kantuniera.'

Fuq domanda tal-Qorti kif diversament preseduta jghid li l-vettura tal-intimat kienet qabdet it-tarf tas-'side road'. Jerga' jghid li sema' l-hoss tal-incident x'hin il-karozza kienet waslet fin-nofs tal-lane fil-'main road'.

**Ikkunsidrat ulterjoment dwar ir-responsabilta':**

Mill-atti jirrizulta li hadd aktar ma ra l-incident in kwistjoni jsehh ghalhekk din il-Qorti trid taghrbel il-verzjonijiet moghtija mill-partijiet u t-terz sewwieq involut. Jirrizulta mill-atti kollha li hadd mill-partijiet ma' qed jalloka xi tort lit-terz ghalhekk ai fini ta' dawn il-proceduri Anthony Gauci huwa biss xhud okulari tal-incident.

Il-Qorti rat li r-rikorrent Charles Seychell fil-verzjonijiet tieghu dejjem sostna li hu kien ghaddej ghall-affari tieghu fil-'lane' tieghu gej min-naha tas-Subaru sejjer lejn il-Kappella. Hadd fl-atti ma allega li r-rikorrent ma kienx qed isuq fil-'lane' tieghu. Dan il-fatt

ghalhekk bl-ebda mod ma jirrizulta li hu kontestat. Ir-rikorrent spjega li hu ra l-vettura tal-intimat wieqfa fuq il-'lane' opposta mdawwra lejn il-lemin u ghalhekk fehem li riedet tidhol fis-'side road' tal-lemin izda assuma li l-intimat kien ser ihallih jghaddi u baqa ghaddej. Ghalkemm ma hemmx qbil fl-atti dwar jekk l-intimat kellux l-indicator mixghul, il-Qorti ma tqisx li dan il-fattur huwa ta' wisq rilevanza stante li fi kliemu stess ir-rikorrent ra l-vettura tal-intimat minn qabel l-incident u nduna li l-intimat kellu l-intenzjoni li jdur lejn il-'lane' tieghu.

Jirrizulta lill-Qorti li la darba r-rikorrent kien ghaddej fil-'lane' tieghu fil-'main road' u ma kellu l-ebda sinjal fit-triq li b'xi mod kien jirrikjedi li hu jieqaf, allura r-rikorrent kellu kull dritt li jibqa' ghaddej isuq fuq il-'lane' tieghu filwaqt li l-intimat kellu jistenna li t-triq tkun 'clear' qabel jaqsam il-'lane'.

Da parti tieghu l-intimat Joseph Muscat jikkonferma li hu kien ghaddej fil-'lane' opposta u waqaf ghaliex kien jehtieglu jidhol fis-'side road' fuq in-naha tal-lemin tieghu. Jghid li sabiex ghamel dan huwa xeghel l-indicator. Il-fatt li kellu l-indicator mixghul gie konfermat mix-xufier ta' warajh Anthony Gauci. Nonostante li jirrizulta mill-atti li t-triq fejn sehh l-incident hija wahda dritta u wiesa l-intimat jikkonferma ghal diversi drabi li hu ma rax il-mutur tar-rikorrent gej. L-intimat jimputa dan in-nuqqas, skont hu, ghaliex il-mutur tar-rikorrent allegatament ma kellux dawl mixghul.

Illi da parti tieghu r-rikorrent, li l-Qorti tfakkar ma sarlu l-ebda kontro-eami, fl-affidavit tieghu jichad li hu ma kellux id-dawl mixghul anzi jsostni li dan ma jistax ikun ghaliex id-dawl tal-mutur jixghel awtomatikament mal-'ignition' tal-mutur. Ghalhekk il-Qorti tqis li la darba r-rikorrenti xehed b'dan il-mod

allura l-unika mezz kif il-mutur seta' ma jkollux dawl kien biss f'kaz li l-bozza ma kinitx qed tahdem. Fl-atti ma tressqet l-ebda prova li tevidenzja l-hsara fil-bozza tad-dawl tal-mutur.

Illi l-Qorti izda nnutat li fl-atti jirrizultaw diversi fatti cirkustanzjali li jevidenzjawla li l-intimat ma kienx qieghed mohhu hemm waqt li kien qed isuq ghal xi raguni jew ohra. Fl-ewwel lok il-Qorti taghmel referenza ghax-xiehda tat-terz Anthony Gauci li jsostni li hu kien ilu minn tlett 'side roads' qabel jinnota li l-intimat Joseph Muscat ma kienx qed isuq kif suppost u jispjega li rah isuq l'hemm u l'hawn u ghalhekk kien qed joqghodlu attent u wkoll ma azzardax jaqbzu ma jmurx idawwar ghal fuqu. L-istess intimat apparti li jikkonferma ghal diversi drabi li ma rax il-mutur gej, jixhed li lanqas mal-habta ma nduna x'gara tant hu hekk li jghid li meta sehh l-incident huwa nizel u mar jiccekkja max-xufier ta' warajh Anthony Gauci jekk kienx hu li habat mieghu. Il-Qorti b'dan il-kliem tikkonferma li l-intimat, ghal xi raguni mhux nota lill-Qorti, tant ma kienx qed jaghti kaz x'qed jigri fit-triq li lanqas mal-habta ma nduna li fit-triq kien hemm mutur mahbut u sahansitra persuna taht il-vettura tieghu.

Il-Qorti tikkunsidra ulterjorment li ghalkemm verament l-incident sehh fil-hin kmieni ta' filghodu f'Dicembru u ghalhekk kien ghadu d-dlam, it-triq fejn sehh l-incident hija wahda ferm wiesa, mimlija residenzi u wkoll hwienet u 'showrooms', hija 'main road' u fil-komplessita taghha hija triq ferm imdawwla anki fil-hin ta' bil-lejl. Ghalhekk anki li kieku ghall-grazzja tal-argument il-mutur tar-rikorrent verament ma kellux dawl, l-Qorti ssibha ferm difficli biex temmen li xufier li jkun qed izomm 'proper look-out' ghal dak li qed jigri fit-triq, li ma jarax il-mutur gej fid-direzzjoni tieghu.

Illi ezaminati l-atti u s-suespost, il-Qorti wara li wieznet il-verzjonijiet taz-zewg partijiet, kif ukoll korroborati minn dak li xehed it-terz, tqis li l-verzjoni veritiera hija dik tar-rikorrent u cioe' li huwa kien ghaddej fi triqtu, fil-'lane' tieghu u li kellu d-dawl tal-mutur mixghul. Jirrizulta lill-Qorti li dakinhar tal-incident ghal xi raguni l-intimat ma kienx mohhu fis-sewqan tieghu u f'dak li kien qed jigri fit-triq tant li lanqas ra l-mutur gej lejh. Kien l-intimat li wettaq il-manuvra straordinarja li permezz taghha qasam il-'lane' tar-rikorrent minghajr ma zamm 'proper look-out' u ghalhekk il-Qorti tqis li r-responsabilita' tal-incident in kwistjoni tinkombi kompletament fuq l-intimat Joseph Muscat.

**<u>Danni:</u>**

Illi r-rikorrent isostni li konsegwenza tal-incident huwa sofra dizabilita' permanenti f'saqajh il-leminija. Tressqu diversi provi u rapport medici dwar dak soffert mir-rikorrent kif isegwi:

a) A fol. 15 tal-process gie esebit rapport *ex parte* ta' Mr. Alec Sultana li jikkonferma li r-rikorrent sofra dizabilita' permanenti fl-ghaksa tas-sieq tal-lemin u skond dan ir-rapport ir-rikorrent sofra dizabilita' ta' 20%. Mr. Sultana xehed ukoll fl-atti a fol. 84 et seq tal-process fejn spjega li stante li l-kundizzjoni ta' sieq ir-rikorrent baqghet ma gietx ghall-ahjar ir-rikorrent inghata parir li jaghmel 'fusion' fis-sens li l-gogi tal-ghaksa jingiebu haga shiha b'dan izda li jitlef ferm il-mobilta' ta' din il-parti tas-sieq. A fol. 85 jixhed:

'he is going to be with a permanent limb.'

Jispjega wkoll li konsegwenza tas-suespost ir-rikorrent ma jistax jimxi fit-tul u difficli ghalih biex juza tarag. Jikkonferma wkoll li huwa qed isofri mill-artrite f'saqajh konsegwenza tal-incident.

b) A fol. 102 et seq gew esebiti diversi ritratti li juru l-kundizzjoni ta' sieq ir-rikorrent wara l-incident almenu dak li jidher minn barra. Fir-ritratti jidher ticrit mhux zghir f'zewg partijiet tas-sieq.

c) A fol. 104 tal-process gie esebit rapport iehor *ex parte* da parti ta' Mr Charles Seychell liema rapport din id-darba jirrelata dwar il-marki vizibbli fis-sieq u mhux fuq id-dizabilita' relatata mal-moviment tas-sieq. F'dan ir-rapport Mr Seychell jispjega li l-marki tat-ticrit u punti fis-sieq huma rizultat tal-operazzjonijiet li kellhom isiru fis-sieq wara l-incident. Mr Seychell jispjega kif id-diversi marki fuq barra tas-sieq fosthom it-ticrit u l-punti li jispjega li huma aktar vizibbli stante li huma 'hyperpigmented', pressjoni abnormali fuq is-sieq li zviluppat 'hyperkeratosis' u l-fatt li l-muskoli nbidlet il-forma taghhom rizultat tal-inabilita' li jintuzaw sew, jwassal ghal dehra ferm diversa tas-sieq minn sieq normali. Isostni li ghalkemm jistghu isiru xi proceduri li b'xi mod jimmeljoraw ftit l-aspett tas-sieq, id-dehra tas-sieq qatt ma tista' tigi ghan-normal.

Jikkonkludi persentagg ta' dizabilita' fuq l-aspett visibbli ta' barra tas-sieq kif isegwi:

| | |
|---|---|
| '1. Scar lateral aspect right lower leg / ankle | 3.0% |
| 2. Scar medial aspect right lower leg /ankle | 3.0% |
| 3. Scarring on both sides and over right Achilles tendon (3/5 above) | 2.0% |
| 4. Hyperkeratosis over right 5$^{th}$ metatarsal head | 1.0% |
| 5. Wasting of right calf with visible asymmetry compared to left side | 3.0%' |

B'total ta' dizabilita' ta' 12% fuq barra tas-sieq.

Mr Briffa xehed ukoll a fol. 139 et seq tal-process. Huwa jispjega li hu konsulent fil-kirurgija plastika u rikostruttiva. A fol. 140 jerga'

jaghti spjegazzjoni ferm dettaljata ta' x'hemm vizibbli u differenti fis-sieq il-leminija tar-rikorrenti. A fol. 141 jispjega li f'kazijiet bhal dawn l-opinjoni dejjem hija wahda daqxejn soggettiva. Ukoll a fol. 141 jghid li:

'L-iscars li sibt jiena huma permanenti u m'humiex se jinbidlu.'

Jikkonferma li huwa ezamina lir-rikorrent erba' snin wara l-incident. Jispjega u jikkonferma wkoll li huwa ma ezaminax lir-rikorrent fuq il-funzjonalita' tas-sieq. A fol. 143 dwar il-persentagg ta' dizabilita' jispjega li t-12% hija in relazzjoni mal-'global disability'.

d) A fol. 132 jinsab esebit u mahluf ir-rapport tal-espert mediku ortopediku nominat minn din il-Qorti diversament preseduta Mr Frederick Zammit Maempel. F'dan ir-rapport wara li jaghti r-retroxxena tal-incident kif relatat lilu mir-rikorrent, fl-ahhar kumment bhala konkluzjoni l-espert jghid kif isegwi:

'**KUMMENT:** Jiena ezaminajt lis-sur Charles Seychell erba' snin wara l-incident. F'dan l-incident kiser l-ghadma talus, u harbat (disrupted) ic-cirkolazzjoni ta' din l-ghadma bir-rizultat li sa disa xhur wara, din l-ghadma ccattjat cioe' kkolassat u giebet arthrite qawwija fil-gog ta' l-ghaksa. L-ezami kliniku wera li ma fadalx moviment f'dan il-gog, u hemm nuqqas sostanzjai ta' moviment fis-'subtalar joint'. Il-gog ta' l-ghaksa bbies bil-pala tipponta xi ftit l-isfel, u din ittelfu meta jimxi w iggielu jzappap. Seychell qatt mhu ser ikjun jistgha jigri jew jimxi komdu fuq l-imharbat jew anki jinzel kokka fuq dan ir-rigel. Ghandu wkoll wesgha zghira ta' gilda fuq il-gemb ta' barra ta' l-ghaksa li iggarrab n-nerv taghha w' baqghet sensittiva u jhoss bhall xokk meta din tintmiss. Fil-fehma tieghi, Seychell ghandu disabilita permanenti stmata ta'

16%.  Din id-dizabilita' tista tonqos ftit jekk issir l-operazzjoni li tissaldja l-ghaksa w iggib il-pala leminija f'pozizjoni aktar funzjonali.'

e) A fol. 217 A tal-process jinsab esebit ir-rapport tal-espert nominat mill-Qorti Mr Simon De Garbiele li rrelata dwar id-dizabilita' vizibbli tar-rikorrenti fuq barra tas-sieq u mhux fuq dak li hemm gewwa u jikkonkludi kif isegwi:

'Conclusion

Mr Seychell feels uncomfortable with the scars on his right ankle. The swelling that occurs bothers him.

A percentage disability for the scars was calculated from Plastic Surgery point of view.  An evaluation was carried out based on personal professional experience as well as use of reference material . . .

**A total percentage disability of 6% has been allocated.**
This does not include disability from an Orthopaedic or a Neurological point of view.'

Illi minn dak kollu suespost ma hemmx dubju li r-rikorrent sofra dizabilita' permanenti konsegwenza tal-incident in kwistjoni.  Li jirrizulta fl-atti huwa izda li ma hemmx qbil dwar il-persentagg soffert bejn ir-relazzjonijiet ex-parte u dawn tal-esperti nominati mill-Qorti.  Il-Qorti izda ma sabet xejn fl-atti li jtiha raguni sabiex ma timxix mal-konkluzjonijiet li waslu ghalihom l-esperti nominati mill-Qorti u ghalhekk ser taghmel taghha dawk il-konkluzjonijiet.  Jirrizulta mill-konkluzjonijiet tal-esperti tal-Qorti li ghal dik li hija funzjonabilita' tas-sieq u cioe' dak li sehh minn

gewwa tas-sieq Mr Zammit Maempel jaghti persentagg ta' 16%. Ghal dik li hija dehra tas-sieq fuq barra Mr De Gabriele jaghti persentagg ta' 6%.

Fl-atti a fol. 236 et seq tal-process ir-rikorrent ipprezenta nota bi prospett tad-danni allegatament sofferti minnu. A fol. 239 jaghmel referenza ghal diversa gurisprudenza ricenti li fiha giet applikata l-formula tal-'weighted average' u japplikaha ghall-kaz tieghu kif isegwi:

$$\frac{(100-16) \times 6}{100} + 16$$

Ir-rizultat jigi 21.04. Ir-rikorrent ghalhekk jinsisti li ghandha tigi applikata rata ta' dizabilita' ta' 21%. L-avukat tal-intimat fit-trattazzjoni tieghu jsostni li din ghandha tkun anqas ghaliex meta giet imhaddma l-formola din xorta wahda tat total ta' 16% u 6 % flimkien daqs li kieku dawn gew maghduda. Il-Qorti rat li kieku gew maghduda l-persentaggi dan kien jirrizulta f'total ta' 22 u mhux 21. Ukoll stante li mir-rapporti rat li z-zewg persentaggi moghtija jirrelataw fuq dizabiltajiet separati fil-gisem fis-sens li wiehed huwa dwar il-moviment tas-sieq filwaqt li l-iehor huwa dwar id-dehra tas-sieq, taqbel li f'dan il-kaz sabiex issehh gustizzja mar-rikorrent ghandu jigi applikat persentegg ta' dizabilita' permanenti ta' 21%.

**<u>Damnum Emergens:</u>**

Fin-nota tar-rikorrent a fol. 237 tal-process inghata sommarju tal-ircevuti esebiti fl-atti li jevidenzjaw spejjez li saru mir-rikorrent, relatati mal-kura tad-dizabilita' sofferta u spejjez ohra

konsegwenzjali. Stante li dawn l-ispejjez huma sopportati mill-ircevuti esebiti fl-atti l-Qorti tqis li s-somma ta' €861.67 giet sufficjentement pruvata.

Ir-rikorrent ukoll fit-termini tal-istess nota jippretendi hlas ta' danni konsegwenzjali ghal telf ta' paga rizultat tal-incident. Mill-atti jirrizulta li dakinhar tal-incident ir-rikorrent kien ser jibda xoghol gdid. Rizultat tal-incident ma marx ghall-ewwel gurnata tax-xoghol tieghu. A fol. 93 jixhed li konsegwenza tal-incident stante li ma setax jaghmel xoghlu kien tilef dan ix-xoghol. A fol. 94 giet esebita dokumentazzjoni li turi li kieku r-rikorrent zamm ix-xoghol mal-kumpanija Carin Construction Limited hu kien ser ikollu paga ta' €300 fil-gimgha. A fol. 111 giet esebita diversa dokumentazzjoni tas-socjeta' Elbros Construction Limited relatata ma' granet ta' 'sick' li kellu jiehu r-rikorrenti kif ukoll numru ta' certifikati medici. A fol. 187 ix-xhud Annabelle Ellul in rapprezentanza ta' Elbros Construction Limited tixhed li s-'sick leave' li ha r-rikorrenti kien bla hlas u li hu kien allura tilef is-somma ta' €2,634.92. Tipprezenta wkoll dokumentazzjoni li tispjega din is-somma. Is-somma ta' €2,634.92 hija appuntu dik li r-rikorrenti qed jippretendi bhala danni sofferti materjalment konsegwenza li ma setax imur ix-xoghol. Il-Qorti tqis allura li din is-somma wkoll giet debitament pruvata.

<u>Total Damnum Emergens pruvat: €3497.</u>

**<u>Lucrum Cessans:</u>**

Illi dwar il-bazi tal-'multiplier' fl-atti a fol. 59 et seq tal-process giet esebita prova dokumentarja dwar l-introjtu tar-rikorrent ghas-snin 2012, 2013, 2014, 2015, 2016, 2017. Minn dawn id-dokumenti jirrizulta li wara l-incident l-introjtu tar-rikorrent naqas sew. Kif

inghad dakinhar tal-incident ir-rikorrent kellu jibda xoghol gdid li kien ser irendilu €300 fil-gimgha li fuq bazi ta' tnejn u hamsin gimgha jekwivali ghal €15,600 fis-sena dan jekk wiehed jeskludi 'over-time' u 'bonuses'. Fil-nota bil-prospett ir-rikorrent japplika paga ta' €25,000 filwaqt li mill-atti jirrizulta li fis-sena tal-incident il-paga 'gross' dikjarata kienet dik ta' €19,353. Jirrizulta ghalhekk lill-Qorti li bl-impjieg il-gdid possibilment ir-rikorrenti kien ser ikollu anqas paga minn kemm kellu fl-impjieg precedenti. Ir-rikorrent isostni li din il-Qorti ghandha tapplika multiplicand ta' €25,000 sabiex tiehu kont ukoll li maz-zmien id-dhul jizdied. L-Avukat tal-intimat joggezzona ghal din is-somma stante li jqisha bhala esagerata. Fil-kaz odjern il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-intimat li multiplicand ta' €25,000 huwa gholi fic-cirkustanzi u tqis li multiplicand ta' €22,000 li jiehu kont ukoll tac-cirkustanzi tat-trapass ta' zmien u zieda fil-paga huwa aktar ekwu u gust.

Dwar il-multiplier, a fol. 93 tal-process ir-rikorrent isostni li huwa twieled fl-4 ta' Ottubru 1982 u li ghalhekk kellu 31 meta sehh l-incident. L-eta' pensjonabbli tieghu hija dik ta' hamsa u sittin sena (65). Din il-Qorti ma tarax ghalfejn ghandha tiddipartixxi minn dak li dejjem applikat fid-decizjonijiet precedenti taghha billi tapplika 'multiplier' tad-differenza fis-snin bejn l-eta' dakinhar tal-incident u l-eta' ta' 65 sena u cioe' multiplier ta' 34. Dan tenut kont ukoll li llum il-gurnata l-aspettanza lavorattiva ta' persuna tmur anki ben oltre l-eta' tal-pensjoni.

Dwar il-'lump sum' il-Qorti rat li din il-kawza giet intavolata fis-sena 2017 u ghalhekk ghaddew erba' snin (4) sal-mument li qed tigi moghtija d-decizjoni odjerna. Rat ukoll li l-intimat u s-socjeta' ta' assikurazzjoni nvoluta gew interpellati b'ittra ufficjali anki lura fl-24 ta' Settembru, 2015 sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni izda xorta wahda kellha tigi ntavolata l-kawza odjerna.

Ir-rikorrent qed jippretendi fin-nota tieghu li jigi applikat tnaqqis tal-lump sum ta' 12 % ghax isostni li ghaddew aktar minn erba' snin minn meta giet intavolata l-kawza. Il-Qorti in vista tas-suespost taqbel mas-sottomissjoni tar-rikorrenti u ser tapplika persentagg ta' 12%.

Ghalhekk jirrizulta li l-lucrum cessans soffert mir-rikorrent huwa kif isegwi:

**€22,000 x 34 x 21% - 12% = €138.230.40**
<u>Total Lucrum Cessans: €138,230.</u>

**<u>Total ta' danni sofferti: €141,727.</u>**

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara lill-intimat Joseph Muscat unikament responsabbli ghall-incident koncernat fil-kaz odjern u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrab ir-rikorrent;

3. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent u tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent konsistenti f'*damnum emergens,* fi spejjez rikorrenti kif ukoll f'*lucrum cessans* naxxenti mid-dizabilita' permanenti riskontrata u accertata, fis-somma komplessiva ta' mija u wiehed u erbghin elf, seba' mija u seba' u ghoxrin Euro (€141,727).

4. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimat Joseph Muscat sabiex ihallas lir-rikorrent is-somma ta' mija u wiehed u erbghin elf, seba' mija u seba' u ghoxrin Euro ( €141,727) rapprezentanti danni likwidati favur ir-rikorrent.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza u kif mitluba fir-rikors guramentat kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Settembru, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Settembru, 2021**